MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 114/2005

Maria Muscat ,
Ines Micallef ,
Rita Debrincat ,
Clementa Spiteri
Anthony Attard
U
Emanuel Camilleri .

vs

Chad Grima,
u b'degriet tal-24 ta' Mejju, 2006,
L-avukat Dottor Mario Scerri ġie nominat
kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta
lill-konvenut imsiefer .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma kopropretarji u possessuri flimkien ma' nies oħra inkluz l-imsiefer John Coronato sive Brian Grima, missier il-konvenut, tad-dar bin-numri 19, 20, 21 Triq Grunju, Nadur, bil-mandra tmiss magħha fuq il-Lvant, ta' liema post l-atturi u l-konvenut għandhom ċavetta biex jidħlu fih liberament ;

Illi riċentement pero' mhux qabel is-sitta (6) ta' Ottubru, 2005 il-konvenut mbarra jew qabbad lil min jimbarra, il-bieb tal-imsemmija dar minn ġewwa b'mod illi l-atturi sabu li ma jistgħux jidħlu aktar fl-istess dar ;

Illi dan l-aġir illegali tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Previa d-dikjarazzjoni li huwa kkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi ,

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jispurga l-ispoll minnu kommess u jirriprestina lill-atturi fid-drittijiet tagħhom kollha fuq l-imsemmija dar 19, 20, 21 Triq Grunju, Nadur, bil-mandra annessa ta' ċirka siegħ, billi jneħħi dak li għamel minn ġewwa biex jimbarra l-bieb tal-imsemmija dar b'mod li dawn jkunu jistgħu jidħlu fiha liberament ;

3. U fin-nuqas li jagħmel dan, tawtorizza lill-atturi li jagħmlu huma dak kollu li jkun neċessarju biex isir dan, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominandi a spejjeż tal-konvenut .

Bl-ispejjeż inkluzi l-VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Emmanuel Camilleri .

Rat id-digriet tagħha ta' l-24 ta' Mejju 2006 fejn l-avukat Dottor Mario Scerri ġie nominat kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut imsiefer f'dawn l-atti .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriserva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lilu l-indirizz fl-esteru tal-konvenut minnu rappreżentat u jirnexxielu jikkomunika miegħu u jsir jaf aħjar mingħandu x'inhi l-kontestazzjoni o meno tiegħu ;

2. Illi fi kwalunkwe' każ l-attur irid jipprova l-elementi kollha tal-ispoll u li l-konvenut kien l-awtur tal-allegat spoll ;

3. Illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura ;

4. Illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollati lill-atturi ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Frar 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ta' spoll . Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi :

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh ; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat ;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza) . Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124 ; u dan biex ingħataw xi sentenzi) ; ….."*.[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*) ;

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. .II. 975

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*) ; u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi :

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica . L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"** . Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet elementi . Mill-provi mressqa rriżulta illi l-fond fejn seħħ l-ispoll imsemmi mill-atturi u deskritt fiċ-ċitazzjoni, huwa proprjeta' in komun bejniethom u missier il-konvenut, ċertu John Coronato sive John Brian Grima . L-atturi qed jilmentaw mill-fatt illi ftit wara li, fuq parir ta' l-avukat tagħhom, kienu bidlu s-serratura tal-bieb ta' barra ta' dan il-fond u għaddew kopja taċ-ċavetta l-ġdida lill-konvenut, dan qabad u mbarra l-istess bieb, b'tali mod li ma setgħux jidħlu ġewwa iżjed .

Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll .

---

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ .7.3.1958 – vol. XLII. I. 86

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta.ed. 1902 Torino, para. 271 .

**Il-Pussess :**

Dwar dan l-element sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad :

*"Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll . L-espressjoni wżata mill-liġi –"***possession of whatever kind***" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż ; imma pero' tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess ; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[4]

Fil-każ in eżami jirriżulta illi, kif ġia ngħad, l-atturi u missier il-konvenut huma komproprjetarji tal-fond in kwistjoni, provenjenti lilhom mill-eredita' tan-nanniet tagħhom . In segwitu għall-mewt ta' dawn in-nanniet, il-fond baqa' okkupat minn zijuhom Toni Grima, li ħalla b'legat fond ieħor fi Triq Sant'Andrija, in-Nadur, u mniffed minn wara mal-fond in kwistjoni, lill-imsemmi John Brian Grima . Billi wara l-mewt ta' dan Toni Grima, ċ-ċwievet taż-żewġ fondi spiċċaw f'idejn ċertu Yvonne Debono, bħala prokuratriċi ta' John Brian Grima li jgħix fis-safar, hija ġiet mitluba mill-atturi sabiex tgħaddilhom kopja taċ-ċavetta tal-fond in kwistjoni, li kienu ntitolati għaliha bħala komproprjetarji . Wara li l-atturi baqgħu ma rċevewx kopja ta' din iċ-ċavetta, minkejja l-intimazzjoni tagħhom, irnexxielhom jidħlu fil-fond in kwistjoni minn tieqa mbexxqa, qalgħu is-serratura l-qadima u waħħlu oħra ġdida minflokha, u għamlu kopja taċ-ċavetta għal kull komproprjetarju, inkluż missier il-konvenut . Ftit tal-jiem wara pero', skoprew illi għal darb'oħra ma setgħux jidħlu fil-fond, billi l-bieb ta' barra kien ġie mbarrat b'xi ħaġa minn ġewwa . Jirriżulta għalhekk illi, għalkemm għal ftit żmien biss, l-atturi

[4] Fenech vs Zammit ġia ċitata .

kellhom il-pussess rikjest mil-liġi sabiex jagħmlu kawża bħal din .

**L-iSpoll** :

L-att li minnu qed jilmentaw l-atturi huwa dak ġia msemmi, u ċioe' l-imbarrar tal-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni b'xi ħaġa minn ġewwa .

**Iż-Żmien :**
Fit-trattazzjoni finali tiegħu, l-konvenut nomine ipprova jitfa' dubbju fuq kemm tassew din il-kawża ġiet intavolata fiż-żmien rikjest . Huwa minnu illi mill-provi taż-żewġ atturi li xehdu, ma jirriżultax fiċ-ċert meta attwalment seħħ dan l-ispoll . Imma mill-korrispondenza li ġiet skambjata bejn il-legali tal-kontendenti qabel ma saret din il-kawża, jirriżulta s-segwenti :

1. Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Awissu 2005, Dr. Albert Camilleri għall-atturi, kiteb lill-konvenut biex jinterpellah sabiex jgħaddi kopja taċ-ċavetta tal-fond in kwistjoni lill-atturi[5] .

2. B'itta li ġġib id-data tas-6 ta' Novembru 2005 (sic), l-avukat Dr. Joseph Grech f'isem John Brian Grima, kiteb lill-attriċi Maria Muscat, fejn jirreferi għall-bdil tas-serratura . Erronjament pero' jagħti indirizz ħażin, għax isemmi l-post ta' Sant'Andija, minflok dak in kwistjoni fi Triq Grunju[6] .

3. Permezz ta' ittra oħra tad-19 ta' Ottubru 2005 Dr. Camilleri jwieġeb għal din l-ittra ta' Dr. Grech, u jsemmi illi dik l-ittra bi żball kienet iġġib id-data tas-6 ta' Novembru minflok is-6 ta' Ottubru 2005 . F'dik l-ittra wara li jagħti xi informazzjoni dwar x'kienu l-pretensjonijiet pendenti bejn l-atturi minn naħa u missier il-konvenut minn naħa l-oħra, jinforma lil Dr. Grech illi "***ftit ġranet wara li rċevejt l-ittra tiegħek tas-6 ta' Ottubru 2005 il-klijenti tiegħi marru jiftħu l-bieb tad-dar komuni u***

---

[5] ara kopja relattiva a fol. 13 tal-process .
[6] ara kopja ta' l-ittra a fol. 14 .

***sabuh mbarrat minn ġewwa***." [7] Dan kollu ġie ukoll konfermat bil-ġurament ta' l-istess avukat Camilleri fid-depożizzjoni tiegħu fil-kawża[8] ./

Huwa evidenti għalhekk illi jirriżulta ampjament illi l-att ta' spoll ilmentat mill-atturi seħħ kif sewwa jgħidu fiċ-ċitazzjoni tagħhom f'xi ġranet wara s-6 ta' Ottubru 2005 u għalhekk il-kawża preżenti, li ġiet intavolata fil-11 ta' Novembru 2005, saret entro t-terminu ta' xahrejn konċess mil-liġi sabiex issir kawża bħal din .

**L-awtur ta' li spoll** :

Madankollu, il-konvenut nomine fl-istess trattazzjoni tiegħu ssottometta illi ma ġiex ippruvat illi kien tassew dan Chad Grima li kkommetta li spoll . Għalhekk huwa ferm importanti f'tali ċirkostanzi illi mhux biss jiġi determinat jekk jeżistux l-elementi normalment rikjesti sabiex tirnexxi kawża bħal din, imma wkoll illi jiġi pruvat fil-grad ta' ċertenza meħtieġa f'kawża ċivili, illi l-konvenut tassew ikkommetta dan li spoll jew inkariga lil ħaddieħor biex iwettqu . Infatti l-liġi tagħna tgħid b'mod inekwivoku illi din il-kawża trid issir kontra "**l-awtur ta' li spoll**".[9] Ġie mgħallem a propożitu illi :

"*Giusta l'art. 695 del nostro codice Civile*, (u ċioe' l-Kodiċi Ċivili taljan li kien jirreferi għall-kawża ta' spoll), *non si puo' domandare di essere reintegrato nella cosa di cui si e' sofferto lo spoglio se non contro l'autore di esso . Son parole testuali della legge; parole che non possono far sorgere alcuna dubbiezza nella interpretazione del precetto legislattivo*." [10]

Ma ġew prodotti ebda xhieda okulari ta' l-inċident mertu tal-kawża odjerna . Iż-żewġ atturi li xehdu lanqas setgħu jgħidu b'ċertezza illi kien il-konvenut li wettaq dan l-ispoll . Madankollu jeżistu ċirkostanzi biżżejjed biex jikkonvinċu lil din il-Qorti illi ma seta' kien ħadd ħlief l-istess konvenut li

---

[7] ara kopja ta' l-ittra a fol. 15, 16 .
[8] a fol. 41 - 45 tal-process .
[9] art. 535 (I) tal-kap. 16 .
[10] Giovanni Lomonaco :Della Distinzione dei Beni e del Possesso - 2da. ed. 1922 pag. 449

imbarra l-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni . Dan għaliex kien l-unika persuna li għajr l-atturi, ngħata kopja taċ-ċavetta l-ġdida tal-fond, wara li nbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tiegħu . Imma anke jekk din ma wasslitx għandu, kif ipprova jimplika l-konvenut nomine fil-kontro-eżami ta' l-atturi, billi din kellha tingħatatlu minn terza persuna, xorta waħda jibqa' l-fatt illi huwa kellu aċċess liberu għall-fond in kwistjoni mill-fond ta' Triq Sant'Andrija li minn ġewwa kien jinfed miegħu . Terġa' kien il-konvenut li, fl-assenza ta' missieru li dik il-habta ma kienx għadu f'dawn il-gżejjer, kellu kull interess illi jfixkel lill-atturi fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom, billi almenu sa dakinhar jidher li missieru kien għadu jippretendi illi l-fond in kwistjoni kien jappartjeni esklussivament lilu[11] .

F'tali ċirkostanzi l-Qorti tinsab konvinta illi ma seta' kien ħadd ħlief il-konvenut jew missieru li kellhom interess iwettqu dan l-ispoll, u fl-assenza ta' John Brian Grima li kien ġia rritorna s-safar, jiġi li kien tassew il-konvenut li mbarra l-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi meta mbarra minn ġewa l-bieb tal-fond bin-numru 19, 20, 21 Triq Grunju, in-Nadur, Għawdex ;

2. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex żmien xahar minn din is-sentenza jispurga l-ispoll minnu kommess billi jneħħi dak li għamel minn ġewwa biex jimbarra l-bieb ta' barra ta' l-imsemmi fond, b'tali mod li l-atturi jkunu jistgħu jidħlu fih liberament ;

3. fin-nuqqas li jagħmel dan fiż-żmien hawn konċess, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu huma dak kollu li jkun meħtieġ a spejjeż tal-konvenut .

[11] ara ittra ta' Dr. Joseph Grech tal-21.8.2006 indirizzata lil Dr. Albert Camilleri a fol. 48

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------